MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 74/2004

**Auto Sales Limited**

**Vs**

**Winston Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha l-ammont ta' LM2405.08 rappresentanti l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma kambjalijiet iffirmati minnu u skaduti;

*"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datat ta' Dicembru 2003 bl-imghax legali";*

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat illi l- konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat ukoll in-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2004 permezz ta' liema hija rriduciet it-talba taghha bl-ammont ta' LM330 stante hlas fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Art 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta u ghalhekk tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin lira u tmien centezmi (LM 2075.08.0) bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2004 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------